IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.6.2021
COM(2021) 291 final

2018/0196 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-addozzjoni ta’ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi

MT MT

2018/0196 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-addozzjoni ta’ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi

1. IL-KUNTEST

Id-data meta l-proposta ntbagħtet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (dokument COM(2018) 375 finali – 2018/0196 (COD)):	id-29 ta’ Mejju 2018
Data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:	is-17 ta’ Ottubru 2018
Data tal-opinjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri:	31 ta’ Ottubru 2018
Data tal-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni:	6 ta’ Diċembru 2018
Data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, fl-ewwel qari:	is-27 ta’ Marzu 2019
Data li fiha ntbagħtu l-proposti emendati (dokument COM(2020) 23 finali – 2018/0196 (COD)) (dokument COM(2020) 450 finali – 2018/0196 (COD)):	l-14 ta’ Jannar 2020 it-28 ta’ Mejju 2020
Data tal-opinjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri:	14 ta’ Ġunju 2020
Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni	/
Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni	/
Data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill:	27 ta’ Mejju 2021

2. Objettiv tal-proposta mill-Kummissjoni

Il-proposta għal Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (CPR) għandha l-għan li tistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni għal tmien fondi ta' ġestjoni kondiviża. Il-proposta tnaqqas il-frammentazzjoni tar-regoli, u twassal sett komuni ta' regoli bażiċi għall-fondi li ġejjin:

- FEŻR: Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali
- CF: Il-Fond ta' Koeżjoni
- ESF+: Il-Fond Soċjali Ewropew Plus
- JTF: Il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta
- EMFAF: Il-fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura
- AMIF: Il-Fond ta' Ażil, Migrazzjoni u Integrazzjoni
- BMVI: Strument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi
- ISF: Fond għas-Sigurtà Interna

L-objettivi ewlenin tal-arkitettura u d-dispożizzjonijiet tas-CPR propost huma li:

1. Jitnaqqas b'mod sostanzjali l-piż amministrattiv mhux meħtieġ għall-benefiċjarji u l-korpi ta' ġestjoni filwaqt li jinżamm livell għoli ta' aċċertament ta' legalità u regolarità. Dan huwa prinċipju gwida ewlieni tal-istrateġija 2021-2027, u jinkludi għadd kbir ta' simplifikazzjonijiet u allinjamenti bejn ir-regolamenti – iżda speċjalment f'termini ta':
   i. Ma hemm l-ebda rekwiżit li jinħatar proċess għall-parti tal-awtoritajiet tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll (u miżuri oħra li jiffaċilitaw it-tnedija tal-programm). Aktar użu ta' "arranġamenti proporzjonati", fejn programmi b'riskju aktar baxx jistgħu jiddependu aktar fuq sistemi nazzjonali;
   ii. Il-promozzjoni ulterjuri ta' għażliet ta' spejjeż simplifikati u l-użu ta' pagamenti bbażati fuq l-issodisfar tal-kundizzjonijiet jew il-kisba tar-riżultati;
   iii. Strumenti finanzjarji.
2. Tiżdied il-flessibbiltà biex jiġu aġġustati l-objettivi u r-riżorsi tal-programmi fid-dawl ta' ċirkustanzi li jinbidlu u anki f'termini ta' kontribuzzjonijiet volontarji għal strumenti ġestiti direttament jew indirettament fil-livell tal-UE.
3. Jiġu allinjati l-programmi aktar mill-qrib mal-prijoritajiet tal-UE u tiżdied l-effettività tagħhom. Dan jinkludi:
   i. Allinjament tal-loġika tal-intervent u r-rappurtar mal-intestaturi tal-QFP u ż-żieda fir-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni fuq ħames objettivi ta' politika: 1) Ewropa aktar kompetittiva u aktar intelliġenti, 2) tranżizzjoni aktar ekoloġika u b'livell baxx ta' karbonju lejn ekonomija mingħajr emissjonijiet tal-karbonju netti u Ewropa reżiljenti; 3) Ewropa aktar konnessa; 4) Ewropa aktar soċjali u inklużiva; 5) Ewropa eqreb lejn iċ-ċittadini;

ii. It-trawwim ta' rabta aktar mill-qrib mal-proċess tas-Semestru Ewropew u għall-fondi HOME ma' rakkomandazzjonijiet oħra tal-UE (eż. rakkomandazzjonijiet ta' evalwazzjoni ta' Schengen);

iii. It-twaqqif ta' kundizzjonijiet abilitanti sinifikanti li jenħtieġ li jiġu sodisfatti matul il-perjodu ta' implimentazzjoni.

Dan jikkonferma wkoll l-allokazzjoni finanzjarja ġenerali u l-bilanċ bejn il-fondi tal-politika ta' koeżjoni, il-kategoriji tar-reġjuni u l-għanijiet.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

Il-pożizzjoni tal-Kunsill tirrifletti għalkollox il-ftehim li ntlaħaq fit-trilogi. Fost l-aktar bidliet importanti li ġew introdotti meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni hemm:

<u>Ipprogrammar, trasferimenti, rieżami ta' nofs it-terminu u kundizzjonijiet abilitanti</u>

- Żdied artikolu ġdid li jinkludi l-miri tal-kontribuzzjoni klimatika għall-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni (30% u 37%), flimkien mal-mekkaniżmu ta' aġġustament għall-klima f'każ li l-monitoraġġ juri progress insuffiċjenti biex tintlaħaq il-mira. Il-koeffiċjenti klimatiċi huma stabbiliti għal kull wieħed mill-oqsma ta' intervent fl-Anness I.
- Id-dispożizzjonijiet dwar is-sħubija jissaħħu billi tiġi inkluża l-possibbiltà li jiġi allokat perċentwal xieraq ta' riżorsi li jiġu mill-Fondi għall-bini tal-kapaċità amministrattiva tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u billi jiġi sostnut ir-rwol tal-Kodiċi ta' Kondotta dwar is-Sħubija (ir-Regolament Delegat (UE) Nru 240/2014) fl-istadji kollha tal-programmazzjoni u l-implimentazzjoni. Il-Kunsill aċċetta ż-żieda tal-artikolu dwar Prinċipji orizzontali, kif mitlub mill-Parlament u allinjat bis-sħiħ mal-formulazzjoni tat-Trattat. L-objettivi tal-Fondi għandhom iqisu fost l-oħrajn il-prinċipju "tagħmilx ħsara sinifikanti".
- Il-Ftehim ta' Sħubija jibqa' d-dokument ewlieni li jistabbilixxi l-orjentazzjoni strateġika għall-ipprogrammar u l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Fondi. L-AMIF, l-ISF u l-BMVI ġew esklużi mill-Ftehim ta' Sħubija. Madankollu, il-Ftehim ta' Sħubija xorta se jkopri l-koordinazzjoni bejn it-tmien Fondi tas-CPR, inkluż bejn l-AMIF, l-ISF u l-BMVI, kif ukoll dwar il-komplementarjetajiet ma' strumenti oħra tal-Unjoni . Il-Ftehim ta' Sħubija jista' jiġi emendat darba biss, wara r-reviżjoni ta' nofs it-terminu.
- Aktar flessibbiltà fit-trasferiment tar-riżorsi hija permessa, bħal pereżempju:
  - Il-limiti massimi għall-kontribuzzjonijiet għal InvestEU mill-FEŻR, mill-FSE +, mill-Fond ta' Koeżjoni u mill-FEMSA ġew differenzjati f'żewġ stadji (sa 2% ta' kull Fond fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni u sa 3% wara l-1 ta' Jannar 2023);
  - Introduzzjoni ta' dispożizzjoni dwar it-trasferimenti lura, fil-każ ta' riżorsi mhux użati, għal trasferimenti fost il-Fondi tas-CPR - sa 5 % (eċċezzjoni magħmula għat-trasferimenti fost it-tliet fondi tal-politika ta' koeżjoni — ara hawn taħt) u għal trasferimenti mill-Fondi tas-CPR għal kwalunkwe strument taħt ġestjoni diretta jew indiretta — sa 5 %;
  - Il-limiti massimi għat-trasferimenti fost il-fondi tal-politika ta' koeżjoni żdiedu — sa 20 % (25 % għaċ-Ċekja);
  - It-trasferimenti mill-FEŻR u l-FSE+ għall-JTF saru volontarji;

- Possibbiltà li jiġu trasferiti riżorsi bejn kategoriji ta' reġjuni ġiet immodulata skont il-livell ta' żvilupp tal-Istati Membri (5%, sa 15% għall-pajjiżi li l-ING per capita tagħhom (f'PPS għall-2015–2017), huwa inqas minn 90 % tal-medja tal-UE).

- B'kundizzjonijiet abilitanti, l-Istati Membri se jitħallew jissottomettu applikazzjonijiet għall-pagament li jikkorrispondu għal objettivi speċifiċi li għalihom il-kundizzjonijiet mhumiex issodisfati. Il-Kummissjoni mhix se tagħmel pagamenti qabel ma jiġu ssodisfati.
- Qafas ta' prestazzjoni u rieżami ta' nofs it-terminu tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni — ġie introdott ammont ta' flessibbiltà, li jikkorrispondi għal 50 % tal-allokazzjonijiet għall-aħħar sentejn tal-perjodu ta' programmazzjoni, li se jiġu allokati b'mod definittiv fil-programmi biss wara r-reviżjoni ta' nofs it-terminu fl-2025.
- Il-perjodu li matulu miżuri temporanji bħala reazzjoni għal ċirkostanzi eċċezzjonali u mhux tas-soltu jistgħu jiġu proposti mill-Kummissjoni ġie limitat għal 18-il xahar. Id-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar id-djalogu strutturat qajmu tħassib u l-Kummissjoni ħarġet dikjarazzjoni skont dan.
- Ġew introdotti xi limitazzjonijiet dwar l-applikazzjoni fil-ħin u l-ambitu rigward miżuri marbuta ma' governanza ekonomika soda u ġew introdotti xi bidliet fil-proċedura korrispondenti (kundizzjonalità makroekonomika). Il-programmi kollha tal-FSE+ ġew esklużi mill-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet.
- Il-possibbiltà li jiġi implimentat l-objettiv ta' politika 5 saret kondizzjonali fuq l-użu ta' wieħed mit-tliet tipi ta' strumenti territorjali: investimenti territorjali integrati, żvilupp lokali mmexxi mill-komunità (CLLD) u għodod territorjali oħra. Ir-rwol tal-għażla tal-Fond ewlieni ġie ċċarat fil-każ tas-CLLD, bl-involviment possibbli ta' appoġġ mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR).
- Ġiet introdotta l-possibbiltà li l-assistenza teknika tiġi pprogrammata, bħala alternattiva għall-approċċ b'rata fissa, bl-eċċezzjoni tal-Fondi HOME u Interreg, bl-użu tal-perċentwali differenti stabbiliti għal kull wieħed mill-Fondi.

<u>**Monitoraġġ, evalwazzjoni, komunikazzjoni u viżibilità**</u>

- Id-drittijiet tal-vot għal kull membru tal-Kumitati ta' Monitoraġġ ġew ikkonfermati.
- Ir-rwol tal-kumitat ta' monitoraġġ taħt l-EMFAF tnaqqas għal konsultazzjoni dwar l-approvazzjoni tal-emendi tal-programm.
- Ir-Rapport annwali dwar il-prestazzjoni mhux se jibqa' meħtieġ għall-EMFAF.
- Il-frekwenza tat-trażmissjoni elettronika tad-*data* finanzjarja tnaqqset minn sitt darbiet għal ħames darbiet u għal darbtejn fis-sena għal *data* tal-indikaturi, li xorta hija żieda minn 2–3 darbiet fis-sena għall-Fondi tal-politika ta' koeżjoni u darba fis-sena għall-AMIF, l-ISF u l-BMVI (id-*data* li għandha tiġi trażmessa hija stabbilita fl-Anness VII).
- Il-frekwenza tal-pubblikazzjoni ta' listi aġġornati ta' operazzjonijiet magħżula tnaqqset minn kull tliet xhur għal kull erba' xhur — iżda aktar ta' spiss mis-sitwazzjoni attwali.
- L-obbligi li jiġi ppubbliċizzat l-appoġġ tal-UE minn persuni fiżiċi u riċevituri finali sostnuti, ġew spjegati aktar fid-dettall. Barra minn hekk, il-livell ta' korrezzjoni

finanzjarja tnaqqas minn 5 % għal 3 % f'każijiet ta' benefiċjarji li ma jikkonformawx mal-obbligu li jippubbliċizzaw l-appoġġ tal-UE riċevut.

- Ġiet introdotta dispożizzjoni ġdida li tirrikjedi li l-Istati Membri jippubblikaw informazzjoni, ħlief fejn il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali teskludi tali pubblikazzjoni għal raġunijiet ta' sigurtà, ordni pubbliku, investigazzjonijiet kriminali jew protezzjoni ta' *data* personali.

Appoġġ finanzjarju mill-Fondi, inklużi d-dispożizzjonijiet għall-istrumenti finanzjarji u r-regoli tal-eliġibbiltà

- Ġew introdotti dispożizzjonijiet dwar għotjiet taħt kundizzjonijiet, b'salvagwardji addizzjonali rigward l-użu mill-ġdid tal-ammonti mħallsa lura meta mqabbla mal-2014-2020.
- Ġie introdott l-għoti dirett tal-ġestjoni tal-istrumenti finanzjarji lill-BEI, lill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u lill-banek pubbliċi.
- Ġew introdotti dispożizzjonijiet addizzjonali dwar l-istrumenti finanzjarji implimentati matul perjodi ta' programmazzjoni konsekuttivi — bil-ħsieb li tiġi żgurata ċ-ċarezza legali.
- Il-possibbiltà li l-VAT tkun eliġibbli għal operazzjonijiet li l-ispiża totali tagħhom tkun mill-inqas EUR 5 000 000 (inkluża l-VAT) ġiet introdotta, f'każ li ma tkunx tista' tiġi rkuprata skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-VAT. Regoli speċifiċi huma inklużi wkoll fir-rigward ta' operazzjonijiet li jikkombinaw strumenti finanzjarji ma' forma ta' għotja.
- L-ispejjeż u t-tariffi tal-ġestjoni taħt strumenti finanzjarji taħt għotja diretta żdiedu u ġew differenzjati, b' 5 % u 7 % rispettivament għall-fond ta' parteċipazzjoni, u 7 % u 15 % għal fondi speċifiċi.

Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

- L-azzjonijiet meħtieġa biex l-Istati Membri jipprevjenu, jidentifikaw, jikkoreġu u jirrappurtaw dwar irregolaritajiet, inkluż frodi, ġew estiżi biex jinkludu l-ġbir ta' informazzjoni dwar is-sidien benefiċjarji tar-riċevituri tal-finanzjament f'konformità mal-Anness XVII il-ġdid. L-użu ta' għodda unika għat-tiftix tad-*data* jibqa' volontarju minkejja l-ftehim interistituzzjonali. Il-Kummissjoni ħarġet dikjarazzjoni skont dan.
- Filwaqt li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskambji kollha ta' informazzjoni bejn il-benefiċjarji u l-awtoritajiet tal-programm jitwettqu permezz ta' sistemi ta' skambju ta' *data* elettronika (meħtieġa għall-Fondi HOME u l-EMFAF mill-1 ta' Jannar 2023), iddaħħlet eċċezzjoni li tippermetti, fuq talba espliċita ta' benefiċjarju, li l-awtorità ta' ġestjoni taċċetta b'mod eċċezzjonali skambji ta' informazzjoni f'format stampat.
- Il-format tar-rapport mill-Istati Membri dwar l-irregolaritajiet skont il-kriterji għad-determinazzjoni tal-każijiet ta' irregolarità li għandhom jiġu rrappurtati, ġie stabbilit f'Anness XII ġdid, minflok l-att ta' implimentazzjoni propost inizjalment.
- Xi regoli dwar l-għażla tal-operazzjonijiet ġew iċċarati, b'mod partikolari fir-rigward tar-rabta mal-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti għal xi objettivi speċifiċi taħt il-PO1 u r-rwol tal-Kummissjoni fir-rigward tar-regoli għall-għażla tal-operazzjonijiet ġie emendat (l-ebda konsultazzjoni, għall-informazzjoni biss, 15-il jum qabel il-kumitat ta' monitoraġġ).

- Skadenza ta' 80 jum ġiet introdotta għall-ħlas mill-awtorità ta' ġestjoni mid-data tas-sottomissjoni tat-talba għall-pagament mill-benefiċjarju (kontra 90 jum kif propost mill-Kummissjoni).
- Dwar il-verifiki ta' ġestjoni, l-istrateġija meħtieġa għall-ġestjoni tar-riskji ġiet sostitwita b'deskrizzjoni bil-miktub aktar sempliċi tar-riskji. Barra minn hekk, ġiet introdotta l-possibbiltà li l-AMIF, l-ISF u l-BMVI jistabbilixxu regoli speċifiċi dwar il-verifiki ta' ġestjoni, f'każ li organizzazzjoni internazzjonali tkun benefiċjarju.

Ġestjoni finanzjarja

- Ir-rata ta' żamma minn applikazzjonijiet għal pagamenti interim tnaqqset minn 10 % għal 5 %, u dan iqajjem tħassib u l-Kummissjoni ħarġet dikjarazzjoni skont dan.
- L-għadd ta' applikazzjonijiet għall-pagamenti mibgħuta kull sena żdied minn erba' proposti għal sitta.
- Ġiet introdotta l-possibbiltà li fl-applikazzjonijiet għal pagament jiġu inklużi pagamenti bil-quddiem imħallsa lill-benefiċjarji ta' għajnuna mill-Istat.
- L-ammont permess li jiġi inkluż fl-ewwel pagament għall-istrumenti finanzjarji żdied minn 25 % għal 30 %.
- Regoli ta' diżimpenn: ir-regola N+3 ġiet introdotta għall-2021-2026, filwaqt li nżammet id-data finali tal-eliġibbiltà fi tmiem l-2029.
- Regoli tal-prefinanzjament: il-klirjanza annwali tal-prefinanzjament ġiet introdotta għall-2021 u l-2022 (l-ewwel sena kontabilistika tintemm fit-30 ta' Ġunju 2022), filwaqt li tinżamm il-klirjanza fis-sena kontabilistika finali għas-snin l-oħra. Għall-fondi AMIF, ISF u BMVI, ġiet inkluża deroga għar-rati ta' prefinanzjament li għandhom jiġu stabbiliti fir-regolamenti speċifiċi għall-Fondi u l-ikklerjar sa mhux aktar tard mis-sena kontabilistika finali. L-użu limitat tal-klirjanza annwali qed iqajjem tħassib u l-Kummissjoni ħarġet dikjarazzjoni skont dan.

Il-qafas finanzjarju, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar ir-riżorsi, ir-rati ta' kofinanzjament (il-politika ta' koeżjoni biss)

- Il-volum u d-distribuzzjoni tar-riżorsi ġew kemxejn aġġustati, f'konformità mal-QFP.
- Ir-referenza għall-klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika ("reġjuni NUTS livell 2") ġiet aġġornata, b'referenza għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/2066. Il-bażi tal-kalkolu għall-allokazzjonijiet ġiet aġġornata, b'referenza għall-bażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu 2015-2017.
- Ir-rati ta' kofinanzjament żdiedu u ġew differenzjati aktar: reġjuni inqas żviluppati – 85 %, reġjuni ta' tranżizzjoni – 60 %, reġjuni aktar żviluppati – 40 %, reġjuni ta' tranżizzjoni li ġew ikklassifikati bħala reġjuni inqas żviluppati fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 – 70 %; reġjuni aktar żviluppati li kienu reġjuni fi tranżizzjoni jew kellhom PDG per capita taħt il-100 % għall-perjodu 2014-2020 – 50 %; Il-Fond ta' Koeżjoni – 85%; Interreg – 80%; ir-reġjuni ultraperiferiċi — 85 %. Għall-JTF, ir-rati se jkunu ogħla għar-reġjuni fi tranżizzjoni u dawk aktar żviluppati: (a) 85 % għar-reġjuni inqas żviluppati; (b) 70 % għar-reġjuni ta' tranżizzjoni; (c) 50 % għar-reġjuni iktar żviluppati.
- It-trasferiment mill-Fond ta' Koeżjoni għas-CEF ta' EUR 10 biljun ġie kkonfermat, kif ukoll il-qasma ta' 70 % / 30 % għall-allokazzjoni nazzjonali sal-1 ta' Jannar 2024

u s-sejħiet kompetittivi iżda ġew stabbiliti regoli speċifiċi għall-Istati Membri li l-introjtu nazzjonali gross (ING) per capita tagħhom imkejjel skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist u kkalkolat abbażi taċ-ċifri tal-Unjoni għall-perjodu 2015–2017 huwa inqas minn 60 % tal-medja tal-ING per capita tal-UE-27 - 70 % ta' 70 % tal-ammont li huma ttrasferew għas-CEF se jkun garantit sal-1 ta' Jannar 2025.

Is-suġġett/definizzjonijiet: delega ta' setgħat, dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni, tranżitorji u finali

- L-ipproċessar u l-protezzjoni tad-*data* personali — ġie introdott artikolu ġdid b'raġuni legali għall-ipproċessar ta' *data* personali fil-forma ta' obbligu fir-rigward tal-użu ta' *data* personali mill-awtoritajiet tal-programm.
- Ġew stabbiliti definizzjonijiet riveduti jew ġodda ta' operatur ekonomiku, benefiċjarju, kundizzjoni abilitanti, prijorità tal-FEMSA u rati tal-iżball residwu.
- Ġiet introdotta dispożizzjoni ġdida biex jiġi kkonfermat li s-CPR se jiġi rieżaminat mill-Parlament u mill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2027, f'konformità mal-Artikolu 177 tat-TFUE.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni tappoġġa r-riżultati tan-negozjati interistituzzjonali u għalhekk tista' taċċetta l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari.

Min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' xi emendi meqjusa bħala aktar problematiċi, il-Kummissjoni ħarġet erba' dikjarazzjonijiet dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

1) "Ikklerjar tal-prefinanzjament",

2) " Djalogu strutturat taħt Miżuri temporanji għall-użu tal-Fondi b'reazzjoni għal ċirkostanzi eċċezzjonali u mhux tas-soltu",

3) "miżuri ulterjuri biex jipproteġu l-baġit tal-UE u r-riżorsi tal-UE tal-Ġenerazzjoni li Jmiss (NGEU) kontra l-frodi u l-irregolaritajiet billi jirrikjedu l-użu obbligatorju ta' għodda unika għall-estrazzjoni tad-*data* pprovduta mill-Kummissjoni", u

4) "Protezzjoni tal-baġit tal-UE permezz tal-użu ta' perċentwal taż-żamma tal-pagamenti għal programmi ta' ġestjoni kondiviża".

Id-dikjarazzjonijiet se jiġu ppubblikati fis-serje C tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

__1. Ikklerjar tal-prefinanzjament__

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-ikklerjar tal-prefinanzjament
Il-limiti massimi tal-pagamenti fir-Regolament QFP qiesu s-suppożizzjoni li l-prefinanzjament kollu jiġi klerjat kull sena. Il-Kummissjoni tqis li l-ftehim milħuq mill-koleġiżlaturi dwar is-CPR jista' jirriżulta f'li wieħed imur lil hinn mil-limiti massimi applikabbli tal-QFP għall-approprjazzjonijiet ta' pagament, filwaqt li jitqiesu l-profili ta' pagament mistennija. Dan jista' jirriżulta f'pagamenti b'lura fit-tieni nofs tal-perjodu li jmiss.

2. Djalogu strutturat taħt Miżuri temporanji għall-użu tal-Fondi b'reazzjoni għal ċirkostanzi eċċezzjonali u mhux tas-soltu.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar Djalogu strutturat taħt Miżuri temporanji għall-użu tal-Fondi b'reazzjoni għal ċirkostanzi eċċezzjonali u mhux tas-soltu
Id-dispożizzjonijiet adottati mill-koleġiżlaturi jirrikjedu li l-Kummissjoni tinforma minnufih lill-Parlament u lill-Kunsill dwar il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni fir-rigward taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali u mhux tas-soltu. Il-koleġiżlaturi jirrikjedu wkoll li l-Kummissjoni tinfurmahom immedjatament dwar is-segwitu previst permezz ta' miżuri temporanji għall-użu tal-Fondi u tqis kif xieraq il-pożizzjonijiet meħuda u l-fehmiet espressi permezz tad-djalogu strutturat li għalih il-Kummissjoni tista' tiġi mistiedna mill-Parlament jew mill-Kunsill. Dawn ir-rekwiżiti ma humiex konformi mal-Artikolu 291(2) u (3) TFUE u mar-Regolament dwar il-Komitoloġija Nru 182/2011, li ma jipprevedu ebda involviment tal-Parlament u tal-Kunsill fil-kontroll tal-eżerċizzju tas-setgħat ta' implementazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni. Dawn jistgħu jirriżultaw f'sitwazzjonijiet fejn is-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jkunu limitati. Għalhekk, il-Kummissjoni tista' tissodisfa biss dawn ir-rekwiżiti sakemm dawn ma jaffettwawx is-setgħat ta' implimentazzjoni tagħha peress li huma rregolati skont l-Artikolu 291 TFUE u r-Regolament dwar il-Komitoloġija Nru 182/2011. Fi kwalunkwe każ, dawn id-dispożizzjonijiet ma jistgħux jiġu rreplikati f'kuntest ġuridiku differenti fejn ma humiex previsti ċirkustanzi eċċezzjonali u mhux tas-soltu.

3. Miżuri ulterjuri biex jipproteġu l-baġit tal-UE u r-riżorsi tal-UE tal-Ġenerazzjoni li Jmiss (NGEU) kontra l-frodi u l-irregolaritajiet billi jirrikjedu l-użu obbligatorju ta' għodda unika għatll-estrazzjoni tad-data pprovduta mill-Kummissjoni

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar miżuri ulterjuri biex jipproteġu l-baġit tal-UE u l-Ġenerazzjoni li Jmiss tal-UE kontra l-frodi u l-irregolaritajiet billi jirrikjedu l-użu obbligatorju ta' għodda unika għall-estrazzjoni tad-*data* pprovduta mill-Kummissjoni
Fil-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda, il-Punti 30 sa 33 jirrikjedu li l-Kummissjoni tqiegħed għad-dispożizzjoni sistema ta' informazzjoni u monitoraġġ integrata u interoperabbli li tinkludi għodda unika għall-estrazzjoni tad-*data* u ta' kejl tar-riskju biex tiġi aċċessata u analizzata d-*data* meħtieġa, bil-ħsieb li tiġi applikata b'mod ġenerali mill-Istati Membri. Barra minn hekk, it-tliet istituzzjonijiet qablu li jikkooperaw b'mod sinċier tul il-proċedura leġiżlattiva relatata mal-atti bażiċi rilevanti biex jiġi żgurat li l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Lulju 2020 ikollhom segwitu fir-rigward ta' dan l-element.
Il-Kummissjoni tqis li l-ftehim milħuq mill-koleġiżlaturi skont l-Artikolu 69(2) (responsabbiltajiet tal-Istati Membri)dwar l-użu obbligatorju ta' għodda unika għall-estrazzjoni tad-*data* u l-ġbir u l-analiżi tad-*data* dwar is-sidien benefiċjarji tar-riċeventi tal-finanzjament mhuwiex biżżejjed biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni u l-UE tal-Ġenerazzjoni li Jmiss kontra l-frodi u l-irregolaritajiet u biex jiġu żgurati verifiki effiċjenti dwar il-kunflitti ta' interess, l-irregolaritajiet, il-ħruġ tal-finanzjament doppju u l-użu ħażin kriminali tal-fondi. Għalhekk, l-approċċ maqbul mill-koleġiżlaturi fir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni ma jirriflettix b'mod xieraq l-ambizzjoni u l-ispirtu mixtieqa tal-Ftehim Interistituzzjonali.

4. Protezzjoni tal-baġit tal-UE permezz tal-użu ta' perċentwal taż-żamma tal-pagamenti għal programmi ta' ġestjoni kondiviża

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-UE permezz tal-użu ta' perċentwal taż-żamma tal-pagamenti għal programmi ta' ġestjoni kondiviża
Il-Kummissjoni tqis li l-qbil mill-koleġiżlaturi biex titnaqqas ir-rata ta' żamma fuq il-pagamenti b'ġestjoni kondiviża minn 10% għal 5% joħloq riskju akbar li l-baġit tal-UE jħallas ammonti li huma affettwati minn irregolaritajiet.
Biex timminimizza dan ir-riskju, il-Kummissjoni se tagħmel użu xieraq mill-interruzzjonijiet u s-sospensjonijiet tal-pagamenti għall-programmi kull meta tqis li r-rata ta' żamma ta' 5 % mhijiex biżżejjed biex tkopri l-ammont ta' kwalunkwe irregolarità potenzjali.